Statistiċi interessanti dwar

# TA' SANNAT

**jikteb Mons Lawrenz Sciberras.**

Matul is-sena kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex jiġu ppublikati diversi kotba kemm ta' interess ġenerali, u dan għaliex ikun jitratta dwar il-gżira kollha, kif ukoll partikulari għaliex jiddeskrivi xi aspett partikulari ta' xi raħal. Naturalment uħud minn dawn il-kotba jitkellmu dwar l-istorja ta' art twelidna, oħrajn dwar il-folklor jew xi studju topogrfiku ta' xi raħal, u dwar xi aspett reluġjuż. Dawn ikunu ta' għajnuna mhux żgħira għat-turisti

Matul l-aħħar xhur tas-sena l-oħra 1998, il-Profs Maurice N. Cauchi mill-Għarb, ippublika ktieb ta' interess partikulari dwar Għawdex. Dan il-ktieb jismu "A PICTURE OF GOZO". L-awtur tal-ktieb joħroġ għad-dawl diversi aspetti tal-ħajja Għawdxija. Fost dawn insibu d-demografija, storja ta' l-emigrazzjoni, aspetti tal-ħajja soċjali bħalma ma hija l-edukazzjoni terzjarja, jiġifieri fl-universita kif ukoll xi aspetti ta' mard komuni f'Għawdex tagħna.

Mhux il-ħsieb tiegħi li nagħmel reċenzjoni dwar dan il-ktieb tassew interessanti tal-Profs Cauchi u li żgur swielu ħafna riċerka, imma nixtieq nislet dawk l-aspetti u tagħrif li jinteressaw il-raħalna SANNAT. Hekk kull Sannati jkun jista aktar iwessa it-tagħrif lejn raħlu u nispera li jkompli jitkebbes b'ċerta imħabba lejn l-għażiż raħlu.

**Nies jgħixu f'Għawdex.**

Il-gżira tagħna hija it-tieni waħda fil-kobor mill-arċipelagu Malti. Hija 16-il kilometru twila u 9 kilometri wiesgħa. Sal-29 ta' April tas-sena 1997, il-popolazzjoni t'Għawdex kienet ta' 31.354. Issa skond ir-reġistru elettorali 24,777 għandhom 'il fuq minn 18-il sena. Cauchi għamel l-istudji tiegħu fuq dawn in-numri ta' persuni u ħalla barra dawk li għandhom karta ta' l-identità maħruġa minn Għawdex iżda m'humiex residenti Għawdex. Minn dawn hemm 22,505 li jgħixu f'Għawdex. Mela 2,272 għalkemm għandhom il-karta ta' l-identità maħruġa Għawdex, dawn ma jgħixux hawn. Dan għalhekk iġib il-perċentwal ta' 71.8%.

Niġu issa għal postijiet f'Għawdex. Dawn jgħoddu 14 il-wieħed, 13-il raħal u l-belt Victoria. Fejn jidħlu in-numru wieħed jista jaqsam dawn il-lokalitajiet fi tlieta:

(i) dawk li għandhom nies aktar minn 3000 persuna: (Victoria, Nadur, Xagħara, u Xewkija).

(ii) dawk li għandhom bejn 1000 u 3000 abitant (Għajnsielem, Għarb, Kerċem, Qala, Sannat, Żebbuġ).

(iii) dawk li għandhom inqas minn 1000 abitant (Fontana, Għasri, Munxar, San Lawrenz).

## IL-KUNJOMIJIET

L-awtur tal-ktieb analiżża 81 kunjom differenti. Dawn il-kunjomijiet li huma ftit ħafna tħallew barra minħabba l-istudju tar-riċerka li saret.

L-aktar erba kunjomijiet kumuni f'Għawdex u li in-numru tagħhom huwa għoli ħafna huma dawn li ġejjin. VELLA, (1208), ATTARD (994), CAMILLERI (882), u GRECH (839). Il-kunjom Vella dejjem issibu ma l-ewwel sitt kunjomijiet f'kull raħal, minbarra fix-Xagħra, għalina ta' Sannat il-kunjom Vella qiegħed fit-TIELET post.

Halli niġu issa għal ewwel SITT kunjomijiet l-aktar komuni f'raħalna Sannat. Dawn il-kunjomijiet se niktibhom fl-ordni li aktar jintużaw u warajhom il-perċentwal.

(1) **MUSCAT** (6.9%), (2) **SPITERI** (5.7%) , (3) **VELLA** (5.2%), (4) **CURMI** (5.0%), (5) **GRIMA** (4.8%), (6) **BAJADA**(4.3%).

Sewwa li inkompli ngħid li din il-figura ittieħdet fuq il-popolazzjoni ta' Sannat li tgħodd 1742. U ġew analiżżat 1221 kunjom.

Jekk dawn is-sitt kunjomijiet huma fost l-aktar fir-raħal tagħna, hemm imbagħad oħrajn li huma fost l-anqas: dawn huma Formosa, Gatt, Cini, Xerri, Portelli, u Grech.

**AKTAR TAGĦRIF SOĊJALI U EDUKATTIV F'SANNAT.**

L-awtur tal-ktieb ma setax jonqos li jikteb dwar xi karatteristiċi soċjali u edukattivi tal-poplu ta' Għawdex. Forsi dan il-ħsieb qatt ma ħabat ma' moħħna aħna is-Sannatin, għalhekk sewwa li wieħed joħroġ għad-dawl dan it-tagħrif hekk meħtieġ dwar raħalna.

F'ta' Sannat hawn **506 dar** abitati. Fil-maġġoranza kbira tagħhom ħadd minnhom ma huwa anqas minn tlitt membri. Minn dawn il-503 familja, 80 minnhom mela 15.9%, għandhom dħul ta' inqas minn Lm2000 fis-sena. Ta' min jinnota meta jara it-tabella sħiħa li hemm fil-ktieb, li n-nies ta' raħalna il-perċentwal ta' dawn li jdaħħlu anqas minn Lm2000 huwa l-aktar baxx.

Niġu issa għan-nisa. F'ta' Sannat hawn **407 nisa** il-fuq minn 15 il-sena. Tfal hawn 138. Mela għal kull mara hawn 3.4 tfal. Interessanti wkoll li 83 mara għandhom aktar minn hames it-tfal. Dan ifisser 20.4%.

Minn 407 nisa dejjem 'il fuq minn 15 il-sena, **15.7%** huma illitterati, jiġifieri ma jafux jaqraw u jiktbu. U hawn b'dispjaċir inżid ngħid li din il-figura hija l-ogħla waħda fost in-nisa Għawdxin kollha. Raħalna għandu l-ogħla perċentwal ta' nisa li huma illitterati. Canfira din!! Fil-waqt li imbagħad 3% dejjem tan-nisa huma studenti universitarji.

L-awtur tal-ktieb ikompli janalizża l-istudenti universitarji. Huwa jaqsam dan fi tlitt żminijiet. Dejjem il-kalkoli jsiru minn kull 1000 ruħ. Jibda mis-snin 1980-89. Hawn minn kull 1000 ruħ ġo ta' Sannat, 4.2% huma universitarji. Fis-sena 1995 ħaġa tal-għaġeb, in-numru niżel drastikament; għaliex kelna biss 2.5% dejjem minn kull 1000 ruh. Fil-waqt li fis-sena 1997 mela inqas minn sentejn biss ilu in-numru ta' studenti universitarji dejjem f'raħalna Sannat tela għal 14.4%. Qabża tassew kbira u inkoraġġanti. U hawn sewwa li inżid ngħid li aħna is-Sannatin hawn niġu ir-raba fil-gżira ta' Għawdex. Dan tassew prosit lil-istudenti universitarji tagħna.

U la qiegħdin nitkellmu mill-istudenti universitarji sewwa li ngħid liema huma is-suġġetti li segwew dawn l-istudenti tagħna. Dan sas-sena 1997. B.Pharm jiġifieri spiżjar 1. M.D. mela tobba kelna 2. Zewġ studenti oħra segwew BE&A. Ieħor kiseb diploma fin-Nursing. Tlitt studenti iggradwaw B.Educ u tlieta B.Com, u ieħor iggradwa M.A. fl-arkeoloġija. Student ieħor imbagħad qiegħed fil-kors ta' l-M.A. Prosit tassew.

**Riflessjoni personali**

Fi żminijietna iċ-ċentri fejn joffru mezzi ta' tagħlim għoli żdiedu sew. Insemmi biss l-Iskola tal-Mużika u li din b'xorti tajba qiegħda f'raħalna Sannat. Tajjeb li wieħed japprofitta minn din l-okkażjoni tad-deheb. Iġġibux eluf ta' skużi biex taħarbu mir-realta' Agħallmu dejjem it-tajjeb lil uliedkom u ħarsu għal bogħod.

Jiena ma ktibtx dan it-tagħrif sempliċement biex naqta il-kurżita ta' xi wħud; imma għamiltu biex fejn hemm it-tajjeb inkomplu insaħħuh u inkabbruh u fejn hemm in-nuqqas nirranġawh. Hekk inkunu tassew nies li nagħmlu ġieh lil raħalna Sannat.